# BirdLife Malta se tmexxi l-ewwel programm ta' terapija permezz tan-natura f'Malta mal-Fondazzjoni Richmond

## Il-proġett "Blooming Minds" ta' BirdLife Malta jikklassifika fit-tielet post fil-Malta Social Impact Awards 2018 li saru lbieraħ

BirdLife Malta u l-Fondazzjoni Richmond huma kburin li jistgħu jħabbru li se jkunu qed jikkollaboraw biex jiżviluppaw u jimplimentaw programm inklussiv ta' terapija permezz tan-natura li għandu l-għan li jtejjeb il-benesseri mentali u l-valuri ambjentali ta' dawk li jipparteċipaw fih.

Il-proġett "Blooming Minds", l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu f'Malta, se joħloq opportunitajiet għal persuni bi problemi mentali biex iqattgħu ħin fin-natura, igawdu mill-effetti terapewtiċi tan-natura u fl-istess ħin itejbu s-saħħa mentali tagħhom.

Dan kollu se jsir realtà wara s-serata finali tal-Malta Social Impact Awards 2018 li saret ilbieraħ u li fiha l-proġett ta' BirdLife Malta u l-Fondazzjoni Richmond ikklassifika fit-tielet post wara votazzjoni minn ġurija. Iċ-ċerimonja li matulha tħabbru l-proġetti rebbieħa saret fix-Xara Lodge fir-Rabat. F'Lulju li għadda l-proġett konġunt kien ġie magħżul flimkien ma' 11-il proġett ieħor u għadda għas-semifinali minn fost total ta' 35 applikazzjoni li kienu ġew sottomessi. F'*shortlisting* ieħor li sar fl-aħħar ta' Ottubru, il-proġett tagħna kien għadda għar-rawnd finali meta tħabbru s-sitt finalisti.

Dawn il-finalisti lbieraħ kienu mistiedna jippreżentaw il-proġetti tagħhom quddiem ġurija u udjenza, u r-rebbieħa tħabbru fi tmiem iċ-ċerimonja. Il-proġett ta' BirdLife Malta u l-Fondazzjoni Richmond rebaħ *grant* ta' €17,000 li se tgħinna niżviluppaw programm inklussiv ta' sessjonijiet fuq barra li għandu l-iskop li jtejjeb is-saħħa mentali ta' dawk li jieħdu sehem fih, fl-istess waqt li jrawwem sens ta' apprezzament favur l-ambjent u l-vantaġġi li wieħed iqatta' ħin fin-natura.

Il-Malta Social Impact Awards huma inizjattiva organizzata minn The Gasan Foundation u Inspirasia Foundation, bil-għan li ġġib flimkien lis-settur privat u organizzazzjonijiet oħra li jistgħu jikkontriwbixxu għal bidla fis-soċjetà biex iwettqu proġetti eċċezzjonali li jħallu impatt soċjali f'Malta. L-inizjattiva tipprovdi organizzazzjonijiet jew individwi bl-opportunità li joħorġu b'idea, itejbuha u jsaħħuha, u jbiddluha f'realtà.

Il-kunċett inħoloq wara li l-organizzaturi rrealizzaw li f'Malta jeżistu ħafna kumpaniji u għaqdiet filantropiċi li jridu jagħmlu differenza fil-komunità lokali imma ma jafux kif jistgħu jagħmlu dan. Bl-appoġġ ta' negozji u individwi lokali, sal-lum il-Malta Social Impact Awards diġà qassmu kważi €250,000 f'għajnuna finanzjarja u mezzi oħra lil seba' proġetti lokali biex jilħqu dan il-għan. Minn meta rebħu dawn l-*awards*, dawn is-seba' proġetti diġà għamlu impatt pożittiv billi ġabu bidla fil-ħajja ta' aktar minn 1,000 persuna f'Malta.

Il-proġett rebbieħ fl-edizzjoni ta' din is-sena huwa "Growing Generations Together" li kien sottomess miċ-Ċentru Tbexbix. "Step up for Parkinson's" ikklassifika fit-tieni post quddiem BirdLife Malta fit-tielet post.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-Tw45BgbTtX**

1. BirdLife Malta tikklassifika fit-tielet post fil-Malta Social Impact Awards 2018 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Il-preżentazzjoni tal-*award* lil BirdLife Malta (Ritratt ta' Sean Mallia)
3. BirdLife Malta u l-Fondazzjoni Richmond (Ritratt ta' Sean Mallia)
4. L-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady tippreżenta l-proġett (Ritratt ta' BirdLife Malta)
5. Blooming Minds (Ritratt ta' BirdLife Malta)
6. Il-Malta Social Impact Awards 2018 (Ritratt ta' BirdLife Malta)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-C2MqqwDl8A**

- Il-proġett Blooming Minds ta' BirdLife Malta b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Richmond